Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 149/2025**

**It-Tlieta, 30 ta' Diċembru, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Rabat, Ċitta Victoria |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Steven Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Is-Sinjorina Simone Refalo | Sindku, Kunsill Lokali Xewkija |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsilli Lokali Xagħra
Kunsill Lokali Gharb
Kunsill Lokali San Lawrenz
Kunsill Lokali Nadur

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Fontana
Kunsill Lokali Kerċem

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**149.1 Talba.**

149.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**149.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

149.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 148 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**149.3 Korrispondenza.**

149.4.1 Il-Maniġer tal-EU/Local Funds informa lill-membri tar-Reġjun li r-Reġjun irċieva ħames applikanti biex jieħdu sehem fil-proġett tal-ERASMUS+ bl-isem ta' European Youth Orchestra 2026. L-applikanti ser jieħdu sehem fil-Nouveau Youth Festival 2026 fir-Reġjun ta' Nouvelle-Aquitaine fi' Franza bejn is-17 sat-23 ta' Mejju 2026. L-applikanti huma mir-Rabat (tnejn), ix-Xewkija, in-Nadur u l-Qala. Dawn il-Kunsilli jridu jaċċettaw li dawn il-persuni jieħdu sehem u jħallsu d-differenza fl-ispejjeż tat-titjira minn Malta għal Franza u lura jekk ir-Reġjun ma jsibx titjiriet bil-prezz mogħti mill-proġett. Kull Kunsill involut ser jirċieva korrispondenza dwar dan.

149.3.2 Ir-Reġjun ta' Għawdex irċieva korrispondenza mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ dwar kollaborazzjoni fuq proġett fi żmien il-vaganzi tal-Għid bl-isem ta'***Youth Street Art***. B'dan il-proġett, l-Aġenżija Żgħażagħ ser tagħti l-opportunita liż-żgħażagħ biex jesprimu l-espressjoni kreattiva tagħhom. Huma talbu biex jiġu indikati lokalitajiet interressati permezz ta' identifikazzjoni ta' toroq fejn tista' ssir din it-tip ta' arti. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat din il-korrispondenza lill-Kunsilli Lokali sabiex dawk interressati jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom.

149.3.3 Ir-Reġjun irċieva ċertifikazzjoni mingħand l-Inġinier Dr. Christian Zammit dwar is-*Sea Bins*. Dawn ġew iċċertifikati li dawn ma jissewwewx. Għalhekk dawn għandhom jitneħħew mill-assi tar-Reġjun u konsegwentement jintremew.

149.3.4 Il-President tar-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-sur George Farrugia f'isem il-Kummissarju tad-drittijiet tal-Annimali sabiex issir laqgħa mal-Kummissarju l-ġdid, Dr. Fleur Abela. Il-President issuġġerixxa li nistiednu lil-kummissarju sabiex tattendi l-laqgħa tar-Regjun Għawdex li jmiss. Kien hemm qbil dwar dan. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tistieden lil Dr. Abela għall-laqgħa li jmiss.

149.3.5 Il-President tar-Reġjun Għawdex ġibed l-attenzjoni li kien hemm artiklu fuq il-gazzetta "Newsbook" fl-20 ta' Diċembru bit-titlu "Diskrepanza fl-ammont ta' taħrikiet f'Malta u Għawdex: "Realtajiet differenti"". Dan l-artiklu jallega li r-raġuni għaliex f'Għawdex ma jingħatawx kontravenzjoni mingħand l-ERA dwar każijiet ta' skart hija għaliex każijiet ta' skart jiġu indirizzati permezz ta' korrezzjonijiet immedjati (warnings). Fl-attwalita' l-istatistika mibgħuta mingħand l-ERA stess lir-Reġjun Għawdex jindikaw li fi snin 2024 u 2025 (sa Settembru) ma ngħata l-ebda "warning". Il-President qara l-istatistika miġbura mill-Maniġer tal-Iskart u hawn jidher ċar li ma ngħata l-ebda warning u bħala taħrikiet fis-sena 2024 kien hemm biss 19. Fis-sena 2025 sa l-aħħar ta' Settembru ngħatat taħrika waħda.

Għalkemm ir-Reġjun ilu snin jilmenta mal-ERA dwar in-nuqqas ta' taħrikiet f'Għawdex, dawn baqgħu ma taw l-ebda rimedju dwar dan. In-nuqqas ta' dan jidher ċar fl-ammont ta' skart li jkun maħruġ fi ġranet mhux skedati għal ġbir. Il-President talab sabiex il-Kunsilli jintbagħtu l-istatistika miġbura mir-Reġjun kif ukoll kull Kunsill għandu jiġi mitlub sabiex jibgħatu lista ta' toroq li huma jixtiequ jiġu sorveljati mill-uffiċċjali tal-ERA. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat korrispondenza lis-CEO tal-ERA dwar dan l-artiklu u titlob laqgħa biex jiġi diskuss dan l-atteġġjament mal-lokalitajiet Għawdxin.

149.3.6 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand Matilde Ferreira (International Projects Manager – IGCAT) dwar kompetizzjoni – Top Foodie Websites 2026. Parteċipazzjoni f'din il-kompetizzjoni hija bla ħlas. Dan ir-rikonoxximent internazzjonali huwa opportunità eċċellenti biex tappoġġja n-negozji lokali, tippromwovi esperjenzi innovattivi tal-ikel u tikseb viżibilità globali għall-assi kulinari u kulturali tar-reġjun tagħna. Il-premju jiċċelebra l-aqwa pjattaformi diġitali li joffru esperjenzi kreattivi, kulturali u gastronomiċi għal viżitaturi madwar id-dinja. Skadenza tas-sottomissjonjiet huwa s-16 ta' Jannar. Il-President issuġġerixxa li din il-korrispondenza tintbagħat lis-stakeholders tal-Gastronomija.

**149.4 <u>Sejħa għall-pożizzjoni ta' Maniġer tal-Fondi Ewropej u Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex.</u>**

149.4.1 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex ġie nformat mill-Maniġer tal-Fondi Ewropej u Lokali, s-Sur Fabian Galea li hu ser jirreżenja mill-kariga tiegħu. Għalkemm huwa kuntent ħafna bl-impjieg tiegħu mar-Reġjun ta' Għawdex, minħabba raġunijiet ta' finanzi ma jistax ikompli l-impjieg tiegħu ma' l-istess Reġjun. Is-Sur Galea huwa ħaddiem taċ-ċivil li għal dawn l-aħħar 4 snin kien detailed mar-Reġjun. Riċentement, l-impjegati taċ-ċivil ingħataw allowances sostanzjali li qabel ma kellhomx fosthom Class Allowance ma' kull paga u kif ukoll performance bonus sa massimu ta' 15%. Barra minn hekk, is-Sur Galea qed jitlef is-salarju tal-progression tiegħu, peress li mar-Reġjun huwa Skala 7, mentri maċ-ċivil huwa Skala 6. Is-Sur Galea irringrazzja mill-qalb lir-Reġjun kollu tal-koperazzjoni li dejjem sab u fuq kollox ta-fiduċja li r-Reġjun wera fih matul dawn l-aħħar 4 snin. Hu wiegħed il-kooperazzjoni tiegħu sabiex ikun hemm transizzjoni bla xkiel.

Il-membri preżenti wrew id-diżappunt tagħhom għat-telfa ta' dan il-maniġer. Huma approvaw li r-Reġjun joħroġ sejħa sabiex timtela din il-pożizzjoni.

**149.5 <u>Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-ħaddiema tar-Reġjun.</u>**

149.5.1 Ġew ippreżentati il-*Performance Appraisals* tat-tliet (3) ħaddiema tar-Reġjun Għawdex li huma l-*Administration Officer II*, il-*PR/Communications Officer* u l-*Office Assistant*. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat li dawn jingħataw il-bonus kollu kif inhuma intitolati. Il-President ukoll qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni u qal li dawn jingħataw pro rata peress li hemm min għadu kif beda l-impjieg tiegħu f'dawn l-aħħar xhur. Il-membri preżenti qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

149.5.2 F'dan il-ħin ħarġet mill-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi diskuss il-Performance Appraisal tagħha. Wara li ġie diskuss ġiet imsejħa sabiex tirritorna lura fil-laqgħa. Hi ġiet informata li ġiet approvata il-massimu tal-Performance Bonus totali (jiġifieri 10%) mir-Reġjun. Hi irringrazzjat lil-membri preżenti tal-fiduċja tagħhom fiha. Il-kumplament tal-appraisal irid isir mill-Direttur Ġeneral fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**149.6 Memorandum of Understanding 10th European Young Chef Award 34th Platform Meeting.**

149.6.1 Ir-Reġjun ta' Għawdex huwa ir-Regjun tal-Gastronomija 2026. Għal dan il-għan fost l-attivitajiet li ser jorganizza r-Reġjun hemm il-Platform Meeting u l-European Young Chef Award. Dawn skedati li jsiru bejn is-Sibt 28 ta' Novembru u s-Sibt 5 ta' Diċembru. L-IGCAT bagħat draft tal-kuntratt biex jiġi rivedut u iffirmat. Il-President, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer responsabbli, ser jirrevedu dan id-dokument.

**149.7 Materji Oħra.**

149.7.1 Il-President tar-Reġjun Għawdex, Dr. Samuel Azzopardi għamel referenza għall-istatut tal-Fondazzjoni Victoria 2031 kif inkarigata mill-kandidatura għat-Titlu ta' Belt Ewropea Kulturali 2031. Hu talab sabiex issir emenda fl-istatut sabiex l-istatut ikun konformi mal-istandards tal-UE. L-emenda hija kif indikat hawn taħt:

# Article 9(h)

(h) Appointment and Status of Dr Samuel Azzopardi

i. For the avoidance of doubt, whereas prior to the adoption of this amendment Dr Samuel Azzopardi was appointed to the Foundation in his capacity as the nominee and representative of the Gozo Regional Council, by virtue of this amendment he is hereby appointed in his personal capacity, and his membership and office within the Foundation shall thenceforth be deemed to derive solely from such personal appointment.

ii. Consequently, the appointment of Dr Samuel Azzopardi shall no longer constitute or be interpreted as representation of the Gozo Regional Council.

iii. The Gozo Regional Council shall thereafter be entitled to appoint one (1) member to the Foundation in accordance with its internal procedures and any applicable statutory or regulatory requirements

iv. For avoidance of any doubt, in the event that Dr Samuel Azzopardi resigns, vacates, or otherwise ceases to hold the office of Chairperson of the Foundation, the Presidency of the Gozo Regional Council shall not give rise to any automatic right of succession to the office of Chairperson. The successive Chairperson shall be a person agreed upon by the Governors of the Foundation, whose appointment shall be ratified by both the Rabat Città Victoria Local Council and the Gozo Regional Council.

Din l-emenda ġiet approvata mill-membri preżenti tar-Reġjun Għawdex. Issa trid tiġi ppreżentata fl-laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat (Ċitta' Vittoria). Ladarba din tgħaddi, r-Reġjun jiġi mitlub sabiex jagħżel membru ieħor biex jirrappreżenta lir-Reġjun.

149.7.2 *Post Mortem tal-Inizjattiva Milied Solidali.* Is-Segretarju Eżekuttiv informat li r-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-Sindku ta' Għajnsielem. Hu qalilna prosit u grazzi tal-inizjattiva. Għal darb oħra f'Għajnsielem rnexxiet u ħadu ferm pjaċir il-25 persuna li tajnijom l-ikla u rigal.

Is-Sindku tal-Qala qal li l-ikel seta' kien aħjar. Hu qal ukoll li tqassam l-ikel mill-Arċipriet tal-Qala u dan kien ta' kwalita ħafna aħjar minn tar-Reġjun, pero dan ma tqassamx fil-

ġurnata tal-Milied.  Fl-istess ħin, is-Sur Buttigieg qal ukoll li ma tantx jagħmel sens li jitqassam fi ġranet oħra u mhux fil-Milied u il-membri l-oħra preżenti qablu wkoll li ma tagħmilx sens l-inizjattiva jekk l-ikel ma jitqassamx fil-ġurnata tal-Milied.  Ir-Reġjun talab lis-Sur Buttigieg l-isem tal-kuntrattur li sajjar l-ikel li qassam l-Arċipriet tal-Qala, sabiex fis-snin futuri dan jiġi inkluż fil-lista għall-kwotazzjonijiet.  Kull sena r-Reġjun joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

Wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni il-fatt li l-kuntrattur imqabbad mir-Reġjun irid iqassam l-ikliet għadu sħun fil-lokalitajiet kollha fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu, nhar il-Milied. Inġibdet ukoll l-attenzjoni li wieħed irid joqod attent li ma ikunx hemm abbużi għaliex qed ikun hemm tqassim tal-ikel lil persuni li ma jaqgħuwx taħt ir-rekwiżiti tal-eliġibilita ta' din l-inizjattiva ta' Milied Solidali.

**149.8 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.</u>**

148.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 160 li kienet tammonta għal € 265,593,43.

**149.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

149.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:45 u s-seduta li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar fis-6:00 ta' filgħaxija.  Wara ssir l-ikla tal-Milied għal dawk il-membri preżenti.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |